**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 07/18**

| | |
|---|---|
| **Data:** | It-Tnejn, 11 ta' Ġunju 2018 |
| **Ħin:** | 5:40 PM |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |

**Preżenti**

Maria Dolores Abela - Sindku
Stephanie Fenech - Viċi-Sindku
Amanda Abela - Kunsilliera (mis-6:20pm)
Claude Camilleri - Kunsillier (mil-5:55pm)
Dorcas Camilleri - Kunsillier (sas-6:40pm)
Joan Agius - Kunsilliera ( Mis-6:20pm)
Joseph Hales - Kunsillier (Sas-7:21pm)
Sean Chircop - Kunsillier
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali

**Skużat** Raymond Caruana - Kunsillier

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| **07.01** | **Qari tal-ittri ta' apologiji** |
| **07.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| **07.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza** |
| **07.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| **07.05** | **Festa Santa Katarina** |
| **07.06** | ***Tenders*** |
| **07.07** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti** |
| **07.08** | **Affarijiet ohra; u** |
| **07.09** | **Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss** |

**07. 1.** **Qari tal-ittri ta' apologiji**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Informa li Caruana ma setax jattendi għal laqgħa minħabba xogħol relatat mal-festa (ittra annessa) | |

**07. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 2. 1 | | Proponent: Viċi-Sindku<br>Sekondant: Camilleir D | Il-Minuti 06/18 inqraw u ġew approvati nem.con. mingħajr korrezzjonijiet. | |
| 07. 2. 4 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**07. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07 2 5 | 06.02.07 | Chircop: Pitturi fir-*reception* tal-Kunsill | Chircop informa lill-Kunsill li l-pitturi li ser jiġu esebiti matul ix-xahar ta' Lulju ser ikunu tal-artista Karen Caruana. | Chircop |
| 07 2 6 | 06.02.17 | Chircop: Żejtun taħt in-Nar | Qal li din l-attivita' kienet suċċess u rringrazzja lil dawk kollha li attendew. | Chircop |
| 07 2 7 | 06.02.18 | Chircop: Kors tal-Inbid | Chircop qal li ingħataw 35 ċertifikat lill-parteċipanti kollha li attendew għal dan il-kors u ser isir attivita' ta' *Wine tasting* fit-8 ta' Ġunju fi Ġnien Luqa Briffa. | Chircop |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 07 | 2 | 8 | 06.03.08 | Chircop: *Light up* | Chircop qal li nxtraw il-*colour gels.* Id-dawl isfar tal-*floodlights* tellef xi ftit mill-effett tal-kuluri. | Chircop / Viċi-Sindku |
| 07 | 2 | 9 | 06.10.07 | Viċi-Sindku: *Murals* | Il-Viċi-Sindku qalet li ser jinbdew miż-żgħażagħ matul il-ġurnata u ser jiddedikaw siegħa u nofs ma' kull klassi. | Viċi-Sindku |
| 07 | 2 | 10 | 06.10.12 | Viċi-Sindku: L-użu tar-rota | Infurmat lill-Kunsill li kienet attivita' ħelwa ħafna. Kien hemm 65 parteċipant u tixtieq li l-quddiem tibda ssir b'mod regolari. Qajmet ħafna entużjażmu> Is-Sindku irringrazzjat lill-Ispettrur Fenech tal-kooperazzjoni fuq din l-attivita' u affarijiet oħra. | Viċi-Sindku |
| 07 | 2 | 11 | 06.10.13 | Viċi-Sindku: Laqgħa ta' informazzjoni dwar fondi mill-Erasmus+ | Il-Viċi-Sindku qalet li attendiet għal laqgħa tan-Norway Grants pero dawn huma proġetti ambizzjużi għall-Kunsill. Huma vera ftit il-proġetti li jiġu aċċettati lokalment. | Viċi-Sindku |
| 07 | 2 | 12 | 06.10.14 | Viċi-Sindku:Sezzjoni tal-logħba tal-boċċi | Il-Viċi-Sindku qalet li din kienet interssanti u hemm il-ħsieb li tkompli issir. | Viċi-Sindku |
| 07 | 2 | 13 | 06.10.16 | Viċi-Sindku: *Peagant of the Seas event* (ċatra) | Qalet li ċ-ċatra saret u għalkemm ma klassifikawx mall-ewwel postijiet, ħadna t-trofew bħala l-aktar li tellajna sapport. | Viċi-Sindku |
| 07 | 2 | 14 | 06.10.17 | Viċi-Sindku: Ir-rampa tal-*Skate Park* | Il-Viċi-Sindku qalet li d-disinji qegħdin għand il-*Health and Safety officer* biex isir *risk assesment.* Ix-xogħol ser jibda wara s-sajf biex jitnaqqas il-periklu. | Viċi-Sindku |

**07 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML05/18. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 07 | 3 | 1 | 10 | Perit Reuben Abela: Permessi għall-Kiosks tal-Festa | Din il-materja ġiet diskussa dwar il-possibilta' li dawn jiġu rilokati f'post ieħor fejn ikunu inqas ta' detriment għar-residenti. Dwar dan ser tkompli d-diskussjoni fis-seduta li jmiss. | Hales |
| 07 | 3 | 2 | 11 | Ministeru għt-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali: Kontijiet pendenti | Is-Segretarju Eżekuttiv qal li saru diversi laqgħat sabiex insibu kompromess pero ma wasalna imkien. Sadanitant tħallas l-ammont tas-*Sorte* u irridu immorru bi pjan kif ser jitħallsu l-interessi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 07 | 3 | 3 | 15 | TM: twaħħil ta' *bollards* | Is-Sindku irrimarkat li irċevejna korrispondenza li TM mhux qed tagħti permessi iktar sabiex jitwaħħlu *bollards sleeping police* etċ | Sindku |
| 07 | 3 | 4 | | Sindku: Rapport dwar Ġnien il-Kmandant | Is-Sindku qalet li ntalab rapport lill-Profs. Buhagiar. Issuġerixxa wkoll li jsir *twinning* mall-Universita' ta' Malta. Irid jitqabbad ġardinar sabiex jaħdem speċifikament fuq dan il-ġnien wara li jiġi rranġat. Din ser tiswa €250 kull xahar. Il-Kunsill qabel nem.con. Propona Hales u sekonda: Chircop. | Sindku |

**07. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **07.** | **5.** | | | **Festa Santa Katarina** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 07 | 5 | 1 | | Sindku | Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li s'issa jidher li ma kienx hemm intoppi għajr għal għeluq tal-parti ta' Vjal il-25 ta' Novembru ġurnata qabel il-ftehim. | Sindku |
| **07.** | **6.** | | | ***Tenders*** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 07 | 6 | 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv qal li nħarġu żewġ tenders sal-5 ta' Lulju għal accountant tal-Kunsill u għal playing field fi Ġnien l-Għannejja Żwieten. Inġibdet l-attenzjoni li hemm bżonn li jsir meter 3 phase fil-ġnien. Hales ser jieħu ħsieb din il-biċċa xogħol. | Segretarju Eżekuttiv |
| **07.** | **7.** | | | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 07 | 7 | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 05/18 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 07 | 7 | 3 | | Talbiet għal Xiri Seduta 07/18 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 07 | 7 | 4 | | Petty Cash - Mejju 2018 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Mejju hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €185.14 | Segretarju Eżekuttiv |
| **07** | **8** | | | **Affarijiet ohra; u** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 07 | 8 | 1 | | Hales: Isem ta' Triq għal Joe Attard | Hales ressaq quddiem il-Kunsill proposta li l-isem tat-triq għas-Sur Joe Attard għandha issir il-parti ta' fuq fejn il-Kunsill Lokali. Wara diskussjoni ntqal li din id-deċizzjoni kienet diġa ittieħdet u ser issir kif kien pjanat qabel, voldiri l-parti mill-iskola prmarja l-isfel. | Hales |
| 07 | 8 | 2 | | Segretarju Eżekuttiv: Ġibjun | Is-Segretarju Eżekuttiv qal li saret laqgħa mas-Sur Gejtu Desira fejn dan ġie infurmat biex b'mod immedjat jieqaf jieħu l-ilma mill-ġibjun ta' Triq Toni Zahra. Inġabet kwotazzjoni għal pompa ġdida li ser tiswa €2100. | Segretarju Eżekuttiv |
| 07 | 8 | 3 | | Agius: Rapport finanzjarju tal-Manuċċa | Agius resqet kopja tar-rapport finanzjarju tal-Manuċċa fejn tat spjegazzjoni tal-ħruġ u dħul li sar matul is-sena 2017. Kien hemm surplus ta' €20,000. Qalet ukoll li kien hemm tibdil fil-bord. | Agius |
| 07 | 8 | 4 | | Segretarju Eżekuttiv: *BOV internet banking* | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq proposta sabiex is-Sur Angelo Caruana jingħata aċċess għal *internet banking (read only)* sabiex ikun faċli naraw it-tranzazzjonijiet. Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan. | Segretarju Eżekuttiv |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 07 | 8 | 5 | Agius: Problema bit-tindif | Agius ġibdet l-attenzjoni li fi Triq il-Labour speċjalment qed ikun hemm ħafna ħmieġ. L-istabiliment Convenience irid li jkollu l-bins on wheels biex jiġi evitat li l-kaxxi vojta jinxterdu bir-riħ mat-triq kollha. Il-Kunsill qabel li għan. | Hales |
| 07 | 8 | 6 | Agius: Ġbir għal Mario Farrugia | Agius staqsiet għalfejn inqala' l-paroli dwar il-ġbir li qed isir mill-Kunsill Lokali bħala *Fund raising* għal nies li jiġu bżonn. Saret diskussjoni dwar dan u ġbir ieħor ukoll. Agius ġiet infurmata li l-pagamenti li qed isiru għal binja *De Fremaux* għandu jitwaqqaf immedjatament. | Agius |
| 07 | 8 | 7 | Camilleri C: Arkata fi Triq Sciortino | Camilleri ġibed l-attenzjoni li hemm bżonn tindifa fi Triq Sciortino. Hales qal li mill-arkata l-ġewwa huwa privat u ser jintbagħat tal-bulky biex jara x'hemm bżonn jinġabar. | Hales |
| 07 | 8 | 8 | Camilleri C:Bankini | Camilleri D staqsa dwar fiex wasal il-proċess tal-bankini ġodda. Is-Sindku qalet li applikajna sabiex dawn isiru. | Sindku |
| 07 | 8 | 9 | Chircop: Gruup ZOEY waqt il-maratona ta' Puttinu Cares | Chircop qal li l-grupp ZOEY ħa sehem waqt il-maratona. | Chircop |
| 07 | 8 | 10 | Chircop: Għana Fest | Chircop informa l-Kunsill li l-Grupp Letterarju taż-Żejtun ser jieħu sehem fl-Għana Fest li ser isir l-Argotti fit-22 u t-23 ta' Ġunju. L-istess grupp ser jieħu sehem waqt attivita' mtella' minn Rachel Deguara fi Ġnien San Girgor fit-18 ta' Awwissu. | Chircop |
| 07 | 8 | 11 | Sindku: Attivita' minn Wirt iż-Żejtun | Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li ser issir attivita' minn Wirt iż-Żejtun fis-27 ta' Lulju fi Ġnien l-Għannejja Żwieten. | Sindku |
| 07 | 8 | 12 | Chircop: *Treasure Hunt* | Chircop qal li t-*Treasure Hunt* ser issir il-Ġimgħa, 10 t'Awwissu u ser ikun bl-għajnuna tal-V18. | Chircop |
| 07 | 8 | 13 | Abela A: Bankini | Abela qalet li hemm bżonn isiru l-bankini speċjalment fi Triq Connaught. | Sindku |
| 07 | 8 | 14 | Viċi-Sindku: Attivita' *Youths@Local* | Il-Viċi-Sindku qalet li ser issir attivita' sabiex jitfakkar is-17 -il sena anniversarju tal-*Youhts@Local* bis-sehem tal-Aġenzija Żgħażagħ. | Viċi-Sindku |
| 07 | 8 | 15 | Agius: *Animal building* | Agius qalet li beda proġett ta' animal building mit-tfal tal-*Kids Club* . | Agius |
| **07** | **11** | | **Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss** | | |
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |

Il-Viċi-Sindku għalqet il-laqgħa fit-8:10pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 25 ta' Ġunju fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm.

IFFIRMATA
Maria Dolores Abela
Sindku

IFFIRMATA
Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv